MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 65/2007

**Timmaz Trading & Transport Limited (23661C)**

***kontra***

**IMP Limited**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta' Jannar 2007 li jaqra hekk –

*1. Peress li s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' disat elef disa' mija sitta u hamsin lira tnejn u hamsin centezmu (Lm 9956.52) prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata u dan kif jirrizulta mill-anness prospett Dok.A ;*

*2. Peress li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti ;*

*Tghid is-socjeta’ intimata ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*2. Tiddikjara li s-socjeta’ intimata hija debitrici tas-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ disat elef disa’ mija sitta u hamsin lira tnejn u hamsin centezmu (Lm 9956.52) prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u konsenjata.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ disat elef disa’ mija sitta u hamsin lira tnejn u hamsin centezmu (Lm 9956.52) prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u konsenjata.*

*Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data dovuta sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Novembru 2006 kontra s-socjeta’ intimata li hija mharrka ghas-subizzjoni.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti, l-affidavit tar-rapprezentant tar-rikorrenti, il-lista tad-dokumenti esebiti u l-lista tax-xhieda.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta’ Frar 2007 fejn wara li sabet li l-intimata kellha fuqhiex tikkontesta t-talba attrici, akkordat lill-istess intimata zmien ghoxrin jum sabiex tipprezenta risposta mahlufa.

**Rat** ir-risposta guramentata li kienet prezentata fis-16 ta’ Marzu 2007 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ; id-ditta konvenuta ilha tahdem minghajr problemi ma’ Zammit Group mill-1994.*

*2. Illi d-ditta attrici u dik konvenuta kienu adottaw ftehim u kostum ta’ kummerc, li ghalhekk sar ligi bejniethom, li jpacu krediti u debiti li kien ikun hemm bejn id-ditta attrici u dik konvenuta ma’ krediti u debiti li kien*

*hemm bejn id-ditta konvenuta u ditta ohra tal-atturi li jisimha "Auto Repairs and Services Limited C20077". Fil-fatt spiss debiti li l-konvenuti kellhom mad-ditta attrici nqatghu permezz ta' krediti li l-konvenuti kellhom fil-konfront tad-ditta l-ohra "Auto Repairs and Services Limited". Id-ditta Auto Repairs kienet debitur tas-socjeta' konvenuta u b'hekk minn kull somma dovuta mill-konvenuti fil-konfront tal-atturi ghandu jinqata' dak li l-konvenuti ghandhom jiehdu minghand Auto Repairs.*

*3. Illi issa l-konvenuti poggew in likwidazzjoni d-ditta Auto Repairs biex filwaqt li ghadhom qed jinsistu fuq dak dovut lilhom permezz tad-ditta attrici, mhux lesti li jhallsu lill-konvenuti dak dovut mid-ditta Auto Repairs.*

*4. Illi ghandha tigi kjamata fil-kawza id-ditta Auto Repairs and Services Limited C20077 kif rapprezentata mil-likwidatur taghha.*

*5. Illi f'kull kaz l-ammont pretiz mid-ditta attrici huwa ezagerat kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni. Dok.A huwa l-ammont li ghandu jigi pacut minhabba li hu dovut mid-ditta Auto Repairs lid-ditta konvenuta.*

**Rat** il-lista tad-dokumenti esebiti u l-lista tax-xhieda ndikati mill-intimata.

**Rat** in-nota tar-rikorrenti (fol 28) u l-prospett Dok. TT1 (fol 30 sa 37) esebit mir-rikorrenti fejn il-kreditu pretiz mir-rikorrenti naqas ghal €22,493.65 (oltre l-imghax kummercjali) wara li sar pagament fil-mori tal-kawzali mill-intimata.

**Qieset** il-provi li tressqu.

**Rat** l-atti kollha tal-kawza.

**Semghet** it-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2010.

**Rat** id-digriet moghti f'dik l-istess udjenza fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Rat** id-digriet taghha tat-22 ta’ April 2010 wara r-rikors tal-kumpannija attrici tas-17 ta’ Marzu 2010, fejn, wara li semghet it-tape tal-udjenza tal-14 ta’ Jannar 2008, ordnat li parti mit-traskrizzjoni tax-xhieda li Brian Attard ta waqt dik l-udjenza tigi korretta u tigi taqra – *Ma kien hemm ebda ftehim li ssir xi tpacija ma’ Auto repairs and Services skond kif qed jallega l-intimat* minflok dak erroneament traskritt – *Kien hemm ftehim li jsir tpacija ma’ Autorepairs and Services skond kif qed jallega l-intimat.*

**Ikkunsidrat –**

Din tal-lum hija istanza fejn il-kumpannija rikorrenti (li minn issa se tissejjah “Timmaz”) qed tirreklama l-hlas ta’ debitu minghand il-kumpannija intimata (li minn issa se tissejjah “IMP”) fl-ammont ta’ €22,493.65 rappresentanti prezz ta’ merkanzija li IMP xtrat u akkwistat minghand Timmaz u li din ikkonsenjat. IMP qed tiddefendi ruhha mill-azzjoni tar-rikorrenti principalment ghax issostni li kellha ftehim ta’ tpacija ta’ krediti u debiti ma’ kumpannija ohra bl-isem ta’ Auto Repairs and Services Limited (minn issa se tissejjah “ARS”) li kienet tappartjeni lill-istess sidien ta’ Timmaz jew li kienet taghmel parti bhal Timmaz miz-Zammit Group. Ghalkemm IMP tallega li mhux l-ammont kollu pretiz kien dovut, il-kontestazzjoni ewlenija taghha hi li hija kreditrici ta’ Auto Repairs and Services Limited. Din il-Qorti tosserva li Auto Repairs and Services Limited qatt ma kienet parti f’din il-kawza. Ghalkemm fir-risposta mahlufa taghha, IMP kienet talbet il-kjamata fil-kawza taghha, fil-kors tal-kawza u sal-ahhar nett, l-istess IMP ma nsistietx aktar fuq dik it-talba.

**Ikkunsidrat -**

Abbazi tal-provi akkwisti, irrizultaw dawn il-fatti –

Skond Karm Borg (Kontrollur Finanzjarju ta’ Mira Holdings) [xhieda tieghu a fol 24 et seq], ma kien hemm l-ebda arrangament ma’ IMP fejn djun ta’ ARS ighaddu fuq Timmaz, kif pretiz minn IMP, propju ghaliex Timmaz ma

kellhiex x'taqsam ma' ARS, ghalkemm kumpannija kienet tixtri minghand l-ohra jew tuza s-servizzi ta' l-ohra.

Fil-kontroezami, Karm Borg (fol 58 et seq) xehed li ARS tinsab fi stat ta' stralc u mhix parti minn Mira Holdings. Jista' jkun li kellha relazzjoni ta' negozju ma' IMP. Ghalkemm kien segretarju ta' ARS, huwa qatt ma ra l-kotba taghha, ghax il-kompitu tieghu kien li jzomm il-minuti u li jirregola l-attivitajiet tal-azzjonisti. Jista' jkun li ARS kienet debitrici ta' IMP. Hu ma kien jaf b'ebda ftehim ta' tpacija ta' debiti ta' ARS minn kumpanniji ohra tal-grupp. Minn Jannar tal-2002, Mira Motor Sales Ltd ma baqghetx attiva fl-ARS, wara li kien sar ftehim sabiex l-ishma li Mira kellha fl-ARS jigu akkwistati minn Melita Insurance Brokers Limited li kienu l-azzjonisti l-ohra. Sostna li Timmaz mhix parti minn Mira Holdings ghalkemm hija *a related company*.

Brian Attard (Operations Manager ta' Timmaz) [xhieda tieghu a fol 38] isostni dak mistqarr minn Karm Borg u ighid li ma kien hemm l-ebda ftehim ta' tpacija ma' IMP dwar debiti ta' ARS.

Fil-kontroezami (fol.66 et seq) ix-xhud ikkonferma li IMP kellha negozju ma' Mira Motors u Associated Motors.

Min-naha tieghu, Hubert Agius (Direttur Manigerjali ta' IMP) [xhieda tieghu a fol 42] ighid li meta kienet iffurmata Timmaz, din bdiet timporta l-parts tal-Opel, u Karm Borg u Brian Attard indagaw mieghu jekk kienx interessat jixtri minghandhom. Bdew jinnegozjaw bejniethom. ARS kienet taghmel xoghol ta' *panelbeating*. Hu sar jaf li ARS ma kenitx sejra tajjab, kellem lil Brian Attard u dan accertah li ma kellux ghalfejn jinkwieta. Maghhom kien hemm ftehim bejniethom ta' tpacija ta' krediti u djun. L-istess Agius sostna li IMP kellha tiehu Lm 4000 minghand ARS

**Ikkunsidrat –**

Dwar id-difiza ta' tpacija, din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha tat-3 ta' Mejju 1993 fil-kawza **"Spiteri et vs Vella"** qalet hekk –

*L-artikolu 1196 tal-Kodici Civili jistabilixxi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija ipso jure. Din it-tpacija ssir anke minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewg djun fi zmien wiehed u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.*

*L-artikolu 1197 tal-istess Kodici jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.*

*Minn dan isegwi li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nnfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma' ammont iehor dovut mill-kreditur.*

Issa fil-kaz tal-lum qed jirrizulta li ghalkemm IMP qed tinvoka tpacija, dan mhux qed taghmlu fil-konfront ta' Timmaz ut sic billi tallega li Timmaz hija debitrici taghha waqt li IMP hija kreditrici ta' Timmaz, izda qed tghid li tpacija ghandha ssehh ghaliex ARS li hija debitrici ta' IMP taghmel parti mill-grupp ta' kumpannija li taghmel parti minnu Timmaz ukoll u tallega li kien hemm ftehim ta' tpacija ta' krediti u debiti bejn IMP u kumpanniji ohra tal-grupp. Din il-Qorti tghid li l-prova ta' dan l-allegat akkordju, nettament kontestat mill-provi li ressqet Timmaz, kienet tispetta lil IMP u assolutament ma tressqet l-ebda prova konkludenti u sodisfacjenti ta' ftehim ta' tpacija f'dak is-sens. Mela fl-ewwel lok tpacija ma jistax ikun hemm ghaliex l-allegati kredituri u debituri huma 'persuni' differenti, kif ukoll fit-tieni lok ma jistax ikun hemm tpacija ghax IMP qed tikkontesta *wkoll* li l-ammont kollu pretiz minnha huwa dovut. Hubert Agius (ta' IMP) xehed testwalment hekk (a fol 43) - *Nghid illi dawn id-disat elef ma rridx naghtihomlhom ghax huma ghandhom ituni wkoll. Jien nghid illi dawn id-disat elef ghandi naghtihomlhom pero' ghandna nitkellmu fuq xi invoices partikolari imma jien insostni illi huma ghandhom jaghtuni wkoll.*

**Ikkunsidrat –**

IMP qed tallega li ARS hija '*ditta ohra tal-atturi*' (ara fol. 17). Irrizulta li Timmaz hija kumpannija li ghandha personalita' guridika distinta u separata mill-azzjonisti taghha, u rrizulta li hija distinta wkoll minn kumpanniji ohra fejn l-azzjonisti taghha ghandhom interess. Meta socjeta' tkun kostitwita skont il-ligi, hija tassumi personalita' guridika distinta u separata minn dik tal-membri taghha. Ghalhekk isegwi illi kull socjeta' li ghandha personalita' guridika distinta ghandha id-drittijiet u l-obbligi taghha, li huma separati u distinti minn dawk tal-membri taghha. Dan allura jfisser illi anki jekk is-socjeta' attrici u s-socjeta' ARS ghandhom l-istess azzjonisti, wahda ma tistax tithallat ma' l-ohra peress illi dawn ghandhom personalita' guridika distinta mill-membri taghha. L-istess ighodd fil-kaz ta' *sister companies* illi jappartjenu lill-*parent company* komuni jew *holding company* komuni. Is-socjetajiet sussidjarji li jaqghu taht l-istess *parent company* ghandhom ukoll il-personalita' guridika distinta u separata taghhom u ghalhekk wahda ma tistax taghmel tajjeb ghal ohra sakemm ma jkunx hemm ftehim f'dan is-sens bejn iz-zewg socjetajiet. Huwa biss f'kazijiet <u>eccezzjonali</u> illi grupp ta' kumpanniji li jappartjenu lill-kumpannija wahda, dik hekk imsejha l-*parent company*, jitqiesu bhala persuna legali wahda u dan biss meta il-grupp ta' kumpanniji jew intraprizi jippubblikaw il-kontijiet konsolidati taghhom, izjed maghrufa bhala l-*final consolidated accounts* jew *group accounts* - (Ara l-Art.170 u 173 tal-Kap. 386) .

Fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti tghid li l-provi li ressqu l-partijiet fil-kumpless taghhom ma jistghux iwasslu ghal fejn tridhom iwasslu l-kumpannija konvenuta. Il-provi taghha kemm fuq il-<u>pjan fattwali</u> izda fuq kollox fuq il-<u>pjan guridiku</u> ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti sabiex <u>serenament</u> tikkonkludi li ghadd ta' kumpanniji direttament jew indirettament relatati mal-kumpannija attrici kienu accettaw li d-dejn ta' wahda minnhom jigi pacut ma' krediti li wahda minnhom kellha fil-konfront tal-kumpannija konvenuta. Prova konklussiva ta' dan ma tirrizultax, u ghaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta illi s-socjeta' attrici

rnexxielha taghmel il-prova li s-somma li taghha qed tesigi l-hlas minghand il-kumpannija konvenuta hija dovuta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza kif gej –**

**Fl-ewwel lok, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kumpannija konvenuta.**

**Fit-tieni lok, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici.**

**Fit-tielet lok, tilqa' t-tieni talba tal-kumpannija attrici kif ridotta.**

**Fir-raba' lok, riferibbilment ghat-tielet talba, tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija tlieta u disghin Ewro hamsa u sittin centezmu (€22,493.65) u ghalhekk tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija tlieta u disghin Ewro hamsa u sittin centezmu (€22,493.65) bl-imghax kummercjali mill-15 ta' Marzu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Fil-hames lok, tordna li l-ispejjez gudizzjarji jithallsu fl-intier taghhom mill-kumpannija konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------